MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tal-5 ta' Diċembru, 2003

Ċitazzjoni Numru. 1254/2002

**Citaz Nru: 1254/02 JA**

**Joe D' Amico u Gaetano D' Amico.**

**-vs-**

**David D' Amico; Cyntia Agius; Isabella Galea; Gemma Vella; Carmelina Spina u b' digriet tad-19 ta' Novembru, 2002 Sylvana D' Amico giet nominata kuratur deputat sabiex tirraprezenta lill-assenti Carmelina Spina.**

**Il-Qorti;**

Rat l-Att tac-citazzjoni mressaq fis-6 ta' Novembru, 2002, li fih l-atturi ppremettew:

Illi fit-tmienja (8) ta' Frar elf disgha mija u sitta u tmenin (1986) u fit-tmienja (8) ta' Gunju elfejn u tnejn (2002) mietu rispettivament Maria Gemma u Ugo konjugi D' Amico;

Illi bl-ahhar testment *unica carta* revokatorju datat erbatax (14) ta' April tas-sena elf disgha mija u sitta u tmenin (1986) fl-atti tan-Nutar Dott. Joseph Henry Saydon, hawn anness (Dok A) kienu gew nominati eredi universali, l-kontendenti kollha, salv zewg disposizzjonijiet. Fit-tieni artikolu, il-konvenuti, Gemma Maria mart Peter Vella, Carmelina mart Salvatore Spina u Maria Isabelle mart Joseph Galea u Giacinta mart Philip Agius, kienu inghataw b' titolu ta' legat, id-dar li qieghda San Pawl il-Bahar, Triq Prades, numru sitta u tmenin (86) u ggib l-isem 'Gemma", fi kwoti ugwali bejniethom, l-ghamara u l-effetti kollha ezistenti go dan il-fond, u l-kontijiet bankarji esteri. Fit-tielet artikolu, il-konvenut David D' Amico, kien inghata b' titolu ta' legat, id-dar, sitt mija u sittax (616), iggib l-isem 'Casa D' Amico', fi triq il-Kbira San Guzepp il-Hamrun, l-ghamara u effetti mobbli esistenti go dan il-fond.

Illi l-konvenuti kienu rcevew bosta donazzjonijiet *inter vivos* minghand il-genituri taghhom, fosthom avviament ta' negozju.

Illi l-atturi ghandhom dritt ta' legittima fuq is-sustanzi kollha ereditarji tal-genituri, kompris, il-legati, donazzjonijiet *inter vivos,* u beni u sustanzi ohra mhollija, jew moghtija mid-decujii.

Illi l-konvenuti kollha accettaw, sia tacitament, sia espressament l-eredita' tal-genituri taghhom;

Illi l-atturi ahwa D' Amico b' zewg noti nnumerati 1894/02 u 189/02 (Dok B) u (Dok C) rispettivament, ippresentati fis-

Sekond' Awla tal-Qorti Civili, irrinunzjaw formalment ghall-wirt tal-genituri taghhom, pero' rriservaw inter alia l-legittima portio, lilhom spettanti skond il-ligi;

Illi l-atturi ghandhom interess illi ssir il-likwidazzjoni u qasma tal-wirt tal-genituri taghhom sabiex jiehdu dak spettanti lilhom bil-Ligi;

Jitolbu ghalhekk lill-din l-Onorablli Qorti prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportune ghaliex m' ghandhiex:

1. Tistabbilixxi u tillikwida l-komunjoni ta' l-akkwist gia esistenti bejn l-imsemmija Ugo u Maria Gemma konjugi D' Amico, billi tigi dikjarata konsistenti fil-beni u sustanzi illi jirrizultaw tul il-kawza u okkorrendo l-hatra ta' periti nominandi;

2. Taqsam il-komunjoni hekk formata u likwidata f' zewg porzjonijiet, l-wahda minnhom tigi assenjata lill-assi partikolari ta' Ugo D' Amico, u l-ohra lil assi partikolari ta' Maria Gemma D' Amico;

3. Tifforma u tillikwida l-assi partikolari ta' l-ismemmi Ugo D' Amico billi jigi dikjarat li jikkonsisti f' nofs il-ko-akkwisti u f' dawk il-beni u sustanzi kollha illi jirrizultaw tul il-kors tal-kawza.

4. Tifforma u tillikwida l-assi partikolari ta' l-imsemmi Gemma D' Amico billi jigi dikjarat li jikkonsisti f' nofs il-ko-akkwisti u f' dawk il-beni u sustanzi kollha illi jirriuzltaw tul il-kors tal-kawza.

5. Tillikwida favur kull wiehed mill-atturi l-legittima li jmisshom skond il-ligi, mill-eredita' tal-genituri taghhom billi jigu komprizi l-istess assijiet, il-pre-legati, imhollija u dak kollu li jidhol fil-formazzjoni ta' l-imsemmija

eredita' skond il-ligi billi jigu dikjarati l-konvenuti jew min minnhom bhala l-unici eredi peress illi l-atturi rrinunzjaw ghall-kwota ereditarja b' riserva ghall-legittima;

6. Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom jhallsu lill-atturi dak kollu li jmisshom bhala legittimarji *in spece* jew b' mod iehor billi jigi ordnat il-bejgh taht l-awtorita' tal-Qorti, tal-beni formanti parti mill-ereditajiet fuq imsemmija, biex f' kaz illi ma' jistax isiri mod iehor, jigi sodisfat il-legittima taghhom, mir-rikavat ta' l-istess bejgh.

Bl-ispejjez tal-gudizzju kontra l-konvenuti jew min minnhom li huma minn issa nunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi mahlufa minn Joe D' Amico fis-6 ta' Novembru, 2002 u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti pprezentata fit-22 ta' Jannar, 2002 li permezz taghha eccepew:

1. Illi fir-rigward tat-talba attrici ghall-legittima ta' Maria Gemma D' Amico it-talba hija preskritta bil-preskrizzjoni tal-ghaxar snin indikata fl-Art. 845 tal-Kodici Civili.

2. Illi skond l-istess testment prezentat mill-atturi jirrizulta li l-hames artikolu jezenta lill-eredi mill-obbligu tal-kollazzjoni ta' dak kollu li huma ircevew minghand it-testaturi taht kull titolu inkluza d-dota; b' hekk it-tielet premess attrici ma' ghandha ebda esitu;

3. Illi David D' Amico xtara l-avvjament tan-negozju imsemmi fit-tielet premessa attrici u b' hekk tali avvjament mhux inkluz fl-eredita u dan kif ser jirizulta

fit-trattazzjoni. Dan il-fatt ukoll jissemma marginalment fit-tielet Artikolu tat-testment tahat l-ittra "c". Ser jirrizulta li David D' Amico fil-fatt hallas lill-genituri teighu dak kollu li kellu jhallas ghax-xiri tal-imsemmi avvjament;

4. Illi l-legittima titqies fuq dak li thallas fl-eredita u skond dak kollu li jinghad fit-testment; b' hekk riferenza issir ghall-artiklu hamsa tat-testment. Inoltre fil-qies tal-legittima ma' ghandhomx jitqiesu l-legati. Mill-assi ereditarji ghandhom ukoll jitnaqqsu l-ispejjez tal-funeral u dak dovut lil Sylvana D' Amico bhala servigi;

5. Illi l-konvenuti accettaw l-eredita espressament kif indikaw l-atturi fil-hames premessa anke bil-pussess taghhom tal-istess eredita' – kemm tal-omm kif wkoll tal-missieri;

6. Illi fl-eredita' ta' Ugo u Maria Gemma D' Amico hemm id-dar 618, St. Joseph High Street, Hamrun. Mill-istess testment jirriuzlta li David D' Amico u martu bnew sular iehor fl-istess dar a spejjez esklussiv taghhom – it-testment isemmi dan il-fatt anke ghaliex mill-assi tal-eredita irid jigi imnaqqas il-valur minfuq fil-bini. B' hekk meta tigi meqjusa l-legittima ta' Ugo D' Amico ghandhom jigu mnaqqsa dawn l-ispejjez – David D' Amico ghandu prova ta' dawn l-ispejjez;

7. Illi l-eredita' ta' Ugo D' Amico ukoll trid tonqos bl-ammont erbhat elef Lira (Lm4,000) dovuta lil Sylvana D' Amico ghal servigi u spejjez li hi ghamlet lid-decujus u dan kif jirrizulta minn skrittura bejn l-eredi u l-istess Sylvana D' Amico.

8. Illi kontra dak indikat fic-citazzjoni Maria Gemma D' Amico mietet fit-8 ta' Frar, 1988 u mhux 1986.

9. Illi kif jirrizulta minn korrispondenza l-konvenuti ghamlu minn kollox biex isolvu din il-qasma b' mod bonarju. B' hekk l-ispejjez ghandhom jigu sopportati mill-atturi.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi mahlufa minn David D' Amico fit-22 ta' Jannar, 2003 u l-lista tax-xhieda.

Rat il-verbal tas-seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2003 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghall-decizjoni dwar l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti.

Ikkunsidrat:

Illi din l-ewwel eccezzjoni tirrigwardja dik tal-preskrizzjoni decennali ai termini tal-Artikolu 845 tal-Kodici Civili, li jhid:

***(1) L-azzjoni biex jintalab wirt, jew legat jew legittima … tispicca bl-eghluq tal-haxar snin mill-ftuh tas-succesjoni.***

F' din il-kawza din l-eccezzjoni qieghda ssir b' riferenza ghas-sehem ta' omm il-kontendenti, u cioe' Maria Gemma D' Amico li mietet fit-8 ta' Frar, 1988 (mhux fl-1986 kif indikat fic-citazzjoni ghaliex sar testment f' April 1986). Hu evidenti illi *icto oculi* ghaddew iktar minn ghaxar snin sakemm l-atturi pproponew din il-kawza li hija kawza ghal likwidazzjoni u hlas tal-legittima u kwindi jidher *prima facie* li din l-eccezzjoni hija sostenibbli.

Madankollu ezami approdondit ta' diversi sentenza li kellhom opportunita' jiddeciedu dwar kawzi simili u anke tal-principji legali involuti jindika li l-kwistjoni mhijiex daqshekk semplici.  Dan jirrizulta mill-fatt li zewg l-imsemmija Maria Gemma D' Amico kien igawdi l-uzufrutt ai termini tat-testment unic charta li kienu ghamlu flimkien f' April 1986 kif gia inghad.

Sentenza interessanti u mimlija gherf legali inghatat mill-Qorti ta' l-Appell fil-15 ta' Dicembru, 1939 fil-kawza fl-ismijiet *"Alberto Grixti –vs- Angela sive Giulia Ellul".*  Din il-Qorti se ticcita bran estensiv minn din is-sentenza ghaliex thoss li huma applikabbli ghall kaz in ezami.  Fost hwejjeg ohra din is-sentenza tghid hekk:

*Hu inudbitat li l-preskrizzjoni … fuq imsemmija hija fin-natura taghha akkwisittiva ghaliex minhabba dak iz-zmien il-possessur tal-eredita' jew tal-legat ikun akkwista d-dritt fuq l-eredita' jew fuq il-hewjjeg li jikkomponu l-legat u ghalhekk ikun jista jirrespingi d-dritt ta' min jigi l' quddiem li ghal dan id-disposizzjoni ghandha natura estintiva. Ghalhekk dan il-pussesur kellhu jipposjedi b' pussess tajjeb li jista' jippreskrivi u skond l-artiklu (dak iz-zmien 1882 – illum 2118) mhux tajjeb ghal dan il-fini il-pussess tal-uzufruttwarju ghaliex dan ikun qieghed jipposjedi mhux animo domini izda semplicement ghall fini li jgawdi l-haga, jiehu l-frutti waqt il-hajja tieghu izda n-nuda propieta' tibqa' ghand haddiehor. Infatti l-fondament ta' kull preskrizzjoni akkwizittiva huwa dak li tevita l-kontestatazzjonijiet peress illi kull min ikun qed jipposjedi ikun mhux b' titolu prekarju kif inhu deskritt fl-artiklu imsemmi) izda titulo propietatis et domini, jibqa' jzomm din il-haga in bona seu in mala fede, pero dejjem bl-animu li qieghed jipposjedi titulo propietatis u ghalhekk qed jaghmel att ta' dominju. Jekk dak l-istat ta' affarijiet baqa' jsehh ghaz-zmien li trid il-ligi u l-veru proprjetarju ma' giex il-quddiem, allura tkun operat ruhha l-usucapione favur dak il-possessur. Dawk pero li jkun qeghdin jipposjedu prekarjament, bhall uzufrittwaji ikun evidenti li huma qeghdin izommu l-haga ghan-nom ta' haddiehor u ghall fini ta-dirtt prekarju taghhom; ghalhekk l-artiklu 1885 (illum 2121) jghid illi:* ***"No one can prescribe against his own title, in the sense that he cannot change in regard to himself the cause for which he holds the thing."***

Imbaghad il-Qorti ghaddiex biex applikat dawn il-principji ghall-kaz partikolari. Meta dawn jigu applikati ghal dan il-kaz

ir-rizultat ikun l-istess. Wara l-mewt ta' Maria Gemma D' Amico, zewgha beda jgawdi l-usufrutt skond it-testment unica charta. Kwindi mill-1988 sal-mewt tieghu li grat fl-2002 ma' kien hemm ebda perjodu preskrittiv ghaddej ghas-semplici raguni li l-pussess esistenti kien wiehed prekarju.

**Ghal dawn il-mottivi l-Qorti qieghdha tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti bl-ispejjez ta' din l-istanza kontra taghhom.**

**Moqrija.**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------